Broadcasting Authority

# Press Release

**Media Release 1/12**

**Stqarrija mill-Awtorita tax-Xandir**

Fi stqarrija maħruġa mill-PBS ilbieraħ l-Erbgħa, 18 ta' Jannar 2012, u li l-Awtorità tax-Xandir saret taf biha mill-bullettin tal-aħbarijiet ta' TVM u mill-*media* , l-istess PBS għamel kummenti dwar żewġ deċiżjonjiet riċenti li ħadet l-Awtorità fil-konfront ta' programmi ta' ġrajjiet kurrenti mxandra fuq l-istazzjon TVM u li permezz tagħhom il-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista ingħataw id-dritt li jagħtu l-veduti tagħhom dwar dak li kien ingħad fil-konfront tagħhom f'żewġ programmi differenti, ċjoè *Xarabank* u *Bondi+*.

L-Awtorità tixtieq tagħmilha ċara li mhuwiex korrett dak li allega l-PBS, li hija bidlet il-mudell addottat minnha fi snin imgħoddija fejn tqis il-bilanċ u l-imparzjalità fuq medda ta' programmi u mhux fuq programm wieħed biss u l-PBS dan jafu għax ġie riaffermat f'deċiżjonjiet riċenti li ttieħdu  mill-Awtorità, kif illum kostitwita, inkluża deċiżjoni li fiha l-istazzjon ingħata raġun.

Rigward il-programm *Xarabank* li fuqu l-Awtorità tat direttiva li jingħata ħin lill-Kap tal-Oppożizzjoni biex jagħti l-veduti tiegħu, il-preżentatur tal-programm naqas milli jsegwi dak li hu mitlub mill-Liġi tax-Xandir biex tingħata konsiderazzjoni ta' "*l-imparzjalità fuq medda ta' programmi u mhux fuq programm wieħed".* Il-provvediment tal-liġi jispeċifika li matul l-ewwel programm, il-preżentatur irid javża lit-telespettatur b'tagħrif biżżejjed ta' min huma dawk li hemm ħsieb jieħdu sehem fih u li għalhekk maħsub jinżamm bilanċ fil-programm. Fl-ebda stadju l-preżentatur ma semma' li l-Kap tal-Oppożizzjoni kien ser jiġi mistieden fil-programm ta' wara u  kien hemm biss referenza għall-parteċipazzjoni tal-"protagonisti fil-kwistjoni".

L-Awtorità tirriafferma l-*policy* tagħha li tibqa' tissalvagwarda d-dritt tal-opinjoni u l-indipendenza editorjali tal-istazzjon. Madankollu, tirriafferma wkoll li l-obbligu tagħha bħala regulatur li tassigura li tinżamm l-imparzjalità kif huwa dover tagħha tagħmel skont il-Kostituzzjoni u l-Liġi tax-Xandir se tkompli taqdih bl-aktar mod serju u rigoruż.

L-Awtorità hija determinata li tkompli tinsisti biex tassigura li fuq l-istazzjonijiet kollha, imma b'mod speċjali fuq l-istazzjonijiet tax-xandir pubbliku, jitwasslu b'mod imparzjali u bilanċjat il-veduti kollha fi kwistjonijet li jirrigwardaw kontroversja politika jew industrijali jew *policy* pubblika kurrenti.

Mario Axiak  
Kap Riċerka u Komunikazzjoni

19 ta' Jannar 2012  
Ref 2/12, 3/12

7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel: (+356) 21221281, 21247908. Fax: (+356) 240855.

E-Mail: info.ba@ba.org.mt